# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 28 TA' FRAR 2020**

**Rik. Nru.10/20 RGM**

**Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 10/2020 fl-ismijiet:**

**Joseph Mercieca u Noel Mercieca eżercenti n-negozju taħt l-isem 'Ġelat Mezzan'**
**Vs**
**Patrick Debono u martu Ruth Debono**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Joseph Mercieca et tas-6 ta' Jannar 2020** li permezz tiegħu qed jintalab li l-intimati jiġu inibiti milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjueta' u b'mod partikolari nofs indiviż tal-fond 40 Triq il-Fdalijiet Preistoriċi, Mosta "... u dan stante li huma debituri versu r-rikorrent fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, u

tnejn u tmenin ċenteżmu €29,082) li l-intimat Patrick Debono approprja ruħu indebitament meta kien fl-impieg tiegħu mar-rikorrent".

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu laqgħet provvizorjament it-talba pendenti l-eżitu tar-rikors u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għad-9 ta' Jannar 2020.

Rat ir-risposta tal-intimat Patrick Debono tad-9 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tiegħu fejn fost l-oħrajn jiddikjara illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu tammonta għal kalunja u li ser jippreżenta kwerela dwarha.

Rat illi l-intimata Ruth Debono tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020.

Rat ir-risposta tal-intimata Ruth Debono tal-4 ta' Frar 2020 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra tagħha. Fost ir-raġunijiet imressqa minnha hemm illi ġialadarba l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija li l-intimat l-ieħor approprja ruħu mill-ammont indikat fir-rikors, tali allegazzjoni qed tirreferi għal reat kriminali bil-konsegwenza li hi m'għandiex responsabbilta' ċivili fir-rigward.

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-intimat Patrick Debono ftit hemm x'jiġi kkonsidrat. Ir-rikorrenti qed jallegaw illi fiż-żmien li Debono kien impjegat magħhom huwa approprja ruħu minn somma flus ammontanti għal aktar minn disgħa u għoxrin elf ewro u li għalhekk qed jitolbu li jikkawtelaw tali pretensjoni permezz tal-

mandat ta' inibizzjoni mitlub. Fir-risposta tiegħu Patrick Debono jiċħad dak allegat mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu. Appena huwa neċessarju jiġi senjalat illi dawn il-proċeduri ma huma ser jiddeċiedu xejn dwar il-mertu tal-vertenza imma biss jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjonijiet x'jikkawtelaw. Il-kwistjoni jekk Patrick Debono approprjax ruħu minn fond tar-rikorrenti ser tiġi deċiża mhux f'dawn il-proċeduri iżda fil-kawża fil-mertu.

Illi fir-rigward tal-intimata Ruth Debono is-sitwazzjoni hija differenti. Ir-rikorrenti stess jiddikjaraw fir-rikors tagħhom illi l-pretensjoni tagħhom hija msejsa fuq l-allegazzjoni li Patrick Debono approprja ruħu minn flus li jappartjenu lir-rikorrenti u dan waqt li kien impjegat tagħhom. L-allegazzjoni tar-rikorrenti hija li l-intimat Patrick Debono ħa dawn il-flus billi kkommetta reat kriminali.

Il-liġi tipprovdi illi konjuġi fi żwieġ ma tagħmilx tajjeb bil-beni tagħha jew b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti dwar debiti naxxenti minn reati kriminali kommessi mill-konjuġi l-ieħor. **Artikolu 1327 (f) tal-Kap. 16** jipprovdi illi fost 'id-djun li jmorru fuq il-kommunjoni tal-akkwisti hemm kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ <u>meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda."</u> (sottolinear tal-Qorti). (Ara. **Joanne Cassar vs Joseph St John et** deċiza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 2017)

**Artikolu 1329:**

"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk iddejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti."

**Artikolu 1330**

"Meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin: "Iżda meta - "(a) id-dejn jew indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat magħmul bir-rieda minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew "(b) id-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324; "il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f'dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba."

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju 2015 fl-ismijiet **MIB Insurance Brokers (Malta) Limited nomine vs Maria Camilleri et**:

"Li rridu naraw għalhekk huwa l-ewwelnett jekk dak li qegħdin ifittxu l-atturi huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda". Jekk iva, il-konvenuta ma tweġibx b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u bil-beni parafernali tagħha, iżda twieġeb jekk hi kellha sehem f'dak ir-reat.

Huwa evidenti għall-Qorti illi fi klimhom stess ma jirriżultax *prima facie* li r-rikorrenti għandhom xi jedd x'jipprotegu fil-konfront tal-intimata Ruth Debono. Għalhekk it-talba tagħhom fil-konfront tal-intimata Ruth Debono qed tiġi riġettata.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' t-talba fil-konfront tal-intimat Patrick Debono, tiċħadha fil-konfront tal-intimata Ruth Debono.

Għaldaqstant tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub fil-konfront biss tal-intimat Patrick Debono.

Tirrevoka *contrario imperio* safejn biss jolqot lill-intimata Ruth Debono d-digriet provvizorju tagħha tas-6 ta' Jannar 2020.

Tordna n-notifiki skond il-liġi.

Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**